**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 4 t' Ottubru, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**-vs-**

**Anthony Desira detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 44851(M)**

***Kumpilazzjoni Nru. 851/2013***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Anthony Desira u ċioè talli:

> F'dawn il-Gżejjer matul il-perjodu ta' bejn il-15 ta' Mejju, 2013, u s-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żmienijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bħala l-proprjetarju jew amministratur responsabbli jew konsumatur tal-fond sitwat f'La Mirage, Sqaq tal-Basal, Delimara, b'mezzi qarrieqa li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kelj, tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u kkommetta serq ta' dawl elettriku kkwalifikat bil-ħin, mezz, lok, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€10,102.04) għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-14 ta' Frar, 2014[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat li fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 2017, l-imputat rregistra ammissjoni ghall-akkuza ta' serq izda mhux ghall-aggravji tieghu, kif ukoll ma ammettiex li s-serq kien ilu ghaddej is-snin.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuza kif minnu ammessa, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet il-provi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena u senjatament dwar kif gie kalkolat l-ammont ta' elettriku misruq.

Semghet it-trattazjoni.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza kif minnhu ammessa.

Illi d-divergenza li nqalghet bejn l-Prosekuzzjoni u l-imputat kienet fuq il-komputazzjoni tal-valur ta' elettriku misruq mill-imputat u fuq iz-zmien li tulu sar is-serq. Ghaldaqstant il-kompitu ta' din il-Qorti hu li tiddetermina jekk l-<u>istima tal-valur li saret mill-Enemalta hiex konfortata bil-provi prodotti.</u> Ma jridx jintnesa li bhal kull materja ohra fil-kamp penali kull allegazzjoni trid tigi pruvata sa grad ferm ghola mill-grad ta' prova rikjesta sabiex tirnexxi pretensjoni fil-kamp civili.

[1] Fol.43

Illi mhemmx dubbju li sa mid-data tal-5 t'April, 2013, l-imputat kien qed jiehu dawl minn fuq arblu tad-dawl, *street lighting*, sitwat faccata tar-residenza tieghu u dan meta l-istess residenza lanqas ma kellha meter tad-dawl. Fil-15 ta' Mejju, 2013, l-imputat rega' inqabad jisraq kurrent elettriku din id-darba minn ma bozza mwahhla mar-residenza tieghu.

Illi **Oreste Galea** xehed li qatt ma saret applikazzjoni mill-imputat sabiex jinghata *meter* tad-dawl. Ir-ricerka tieghu saret mill-2001 u dan ghalkemm *ex admissis* l-imputat jghid li l-fond kien ilu propjeta` tieghu ghal **40 sena**![2]

Fil-fatt **PS1227 Malcolm Pace** jixhed kif il-Pulizija rceviet informazzjoni li l-imputat kien qed jisraq dawl minn fuq *street lighting* fejn id-dawl kien qed jithalla jaghti tul il-lejl kollu meta r-residenza ma kellhiex *meter* tad-dawl. Kienet saret spezzjoni ma foreman tal-Enemalta, Joseph Formosa, fil-5 t'April, 2013 u fit-triq tal-abitazzjoni tieghu gie nnutat wire *"li kien imqabbad mal-linja tal-EneMalta, dan l-istess wire kien ghaddej minn fuq tliet arbli antiki u kien diehel gewwa propjeta"* tal-imputat. Mistqosi mill-foreman minn fejn kien jiehu d-dawl qal li kien jiehdu minghand certu Louis. Ikompli *"Staqsejnieh minn fejn huwa mqabbad [id-dawl] u hadna go kamra li qeghda ..... fuq in-naha tax-xellug ta fejn hemm ix-xatba. Dak il-hin dahal il-Foreman u ghamel l-ispezzjonijiet tieghu u sab li kien hemm il-**wire li kien diehel minn gewwa t-triq diehel imqabbad ma meter tad-dawl li m'huwiex propjeta` tal-EneMalta, metre tad-dawl bl-isem RDL Pengton u li dan kellu s-serial number 527524, il-wire ma kienx tal-EneMalta lanqas**, u hdejn il-metre tad-dawl kien hemm main switch. Il-Foreman ..... taha struzzjonijiet lil haddiema tal-EneMalta, telghu bic-cherry picker u qalilhom biex jiskonnettjaw il-wire minn mal-linja tal-EneMalta. Intant kien hemm il-bozza mixghula. **X'hin qalghu l-wire, l-bozza ntfiet. Reggha taha struzzjonijiet biex jerghu iqabbdu u reggha xeghlet, jigifieri kien ifisser li d-dawl li kien diehel gewwa l-propjeta kien qieghed imqabbad mal-linja tal-EneMalta.**"*[3] Is-surgent osserva li l-*batteries* kienu skonnettjati u ghaldqstant dan xejjen dak li qal l-imputat u cioe' li hu kien jiehu d-dawl mis-*solar panels*.

Illi x-xhud kompla jirrakonta kif fil-15 ta' Mejju, 2013, saret spezzjoni ohra ghall-gharrieda fuq l-istess fond ghaliex il-pulizija regghet giet mgharrfa li dan rega' issokta bl-ghemil tieghu fejn kien qed ikollu d-dawl jixghel tul il-lejl kollu. Din id-darba, rizultat tal-ispezzjoni fil-kamra fejn kienu diga

---

[2] Fol.10

[3] Fol.18

nstabu il-*batteries* antiki u skonettjati, instabet ***"sistema qisha gdida bil-battreys godda u bis-sistema tas-solar panels, pero kollox skonnettjat."*** Desira beda jghid lill-foreman li jiehu dawl mis-*solar panel*, izda xhin il-foreman mar fuq jiccekja sab li *"fil-kantuniera mal-appogg li jaghti fejn hemm l-istreet lighting ta barra kien hemm qisha unit invitat mal-hajt u kien kollox invitat mal-hajt. Wara li l-foreman qala l-viti sibna toqba u l-wire hiereg ghal barra, u rrizulta li l-wire kien qieghed mqabbad mas-sistema ta street lighting...... jigifieri qabel ma taha struzzjonijiet biex jinxtelu l-istreet lighting ccekkja dak il-hin ma kienx hemm kurrent,* ***kif taha struzzjonijiet biex jinxtelu l-street lighting, dahal il-kurrent*** *u dak il-hin sab li kien qed jiffeedja dan f'dik il-kamra kien hemm* ***air-condition, decoder, floodlights, lampi, zewg lampi u sitta energy savers. Dan kien qieghed jiehu mill-lampa tat-triq.*** *Dak il-hin Anthony Desira qalli 'tista thallini bi kwieti? Qalli jaqaw imqabbad mieghi?' ghax kien jaf li peress illi jiena mort it-tieni darba peress minhabba l-informazzjoni li kellna qisu ried jghidli li jien imqabbad mieghu."* [4]

Illi **Joseph Formosa** jixhed li *"jiena sibt tliet arbli antiki mwahhlin magenb tal-arbli tal-EneMalta, fuqhom kien hemm <u>wire tad-dawl, imgannat minn hafna partijiet u mqabbad mal-linja tal-EneMalta u diehel ghal gol-kamra ta dan il-post</u>.....x'hin dhalt go fiha kien hemm main switch mbaghad mill-main switch qed jitma arlogg privat. L-arlogg kien tad-ditta RDL Pengton u kien qed jaqra 32278 Units."* [5] Meta kellem lill-imputat dan qallu *"ara minn din il-kamra qed niehu d-dawl, ghidtlu l-wire imqabbad mal-linji tal-EneMalta mhux diehel go kamra ohra, issa jiena kkonfermajt dan billi telajt lil haddiema tal-EneMalta fuq il-post, skonnettjaw id-dawl, u x'hin ahna ttestjajna ma sibniex dawl, fil-presenza tal-pulizija tas-Sur Desira ghidtilhom ergaw qabbdu il-linja, regghu qabbdu u gie d-dawl* ***allura dak il-hin rajna x'kellu mqabbad u hadt nota tal-affarijiet li kellu mqabbdin****."*[6] Ikompli jispjega kif fil-15 ta' Mejju, 2013, regghet saret spezzjoni ohra u nstab li l-imputat kien qed jisraq id-dawl mill-lampa propjeta` tal-Kunsill Lokali *"****Din kellha toqba fejn hemm id-demarcation box, u kienet qed titma main switch fis-salott hajt ma hajt mal-lampa****. <u>L-appliances li kellu mqabbdin it-tieni darba kienu inqas minn tal-ewwel darba, ghandi l-appliances li kienu mqabbdin it-tieni darba</u>."*[7]

Illi Formosa kompla li meta marru l-ewwel darba l-panelli ma kienux mqabbdin *"battreys kienu kollha mkissrin, kollox imkisser kien hemm jigifieri*

[4] Fol.19-20
[5] Fol.22-23
[6] Ibid.
[7] Fol.24

*battreys skonettjati... Le le* ***ma kienx hemm funzjoni.***"[8] Fit-tieni spezzjoni *"sibna battreys godda nsallati u inverter, u kif morna qalilna li qed jiehu mis-solar system pero ahna skonettjajna s-solar system u gelt lil EneMalta jixghelu s-supply system biex nara x'kellu dawl, mbaghad ovvjament dan kellu main switch mohbi wara partition, gibt il-haddiema biex jaqalawh dak il-hin u skoprejna dan il-main switch li kien qed jissuplixxi l-parti ta fuq..... Jiena ghandi ritratt tal-metre li m'huwiex tal-EneMalta li kien hemm fuq il-post."*[9]. In kontro-ezami x-xhud jikkonferma li meta ghamlu t-tieni spezzjoni mill-parti t'isfel ma rrizultax li d-dawl kien qed jittiehed minn xi fergha illecita[10] Fil-fatt fl-ezami tieghu kien spjega li l-connection illegali kienet qed ***titma main switch fis-salott hajt ma hajt mal-lampa***. Il-pjanta tas-sit u ritratti ta' dak li gie kkonstat fit-tieni spezzjoni turi li l-ewwel sular kien qed jiehu d-dawl minn konnessjoni ma *demarcation box*.[11]

Illi **Alan Chetcuti** in rapprezentanza tal-Enemalta pprezenta zewg stimi li jikkwantifikaw it-telf soffrut mill-Enemalta. Dik ghall-perjodu bejn April, 2008 sa April, 2013 gie stmat li kienu qed jinhlew 23.8 units ta' dawl kuljum fuq medda ta' 1819 il-jum, ghall-ammont totali ta' €9,791.80.[12] Chetcuti jispjega li ttiehdet konsiderazzjoni tas-*surcharges* u rati differenti li kienu fis-sehh ghaz-zmien in kwistjoni. Inghatat stima ohra ghax-xahar ta' wara u cioe' bejn April u Mejju 2013 fejn l-ammont stmat kien ta' €310.[13] Jghid li qabel it-tieni spezzjoni l-imputat kien hadlu xi karti li juri li kien investa f'*solar panels* li nkluda *inverter* izda dawn kienu jirrisalu ghal 2001![14] Izid li l-imputat baqa ma gabx dokumenti biex juri meta nxtraw l-appliances li kienu qed jithaddmu bil-kurrent misruq. Dwar kif inhaddmet l-istima Chetcuti jispjega *"f'dan il-kaz ittiehed bl-appliances li kienu iktar appliances minn dar normali."*[15]

In kontro-ezami x-xhud jidhol f'aktar dettal dwar kif inhaddmet l-istima fejn il-perjodu ta' hames snin hu l-massimu li jistghu jikkalkulaw l-arretrati ghal konsum dirett. Jemfassiza li lanqas *meter* tad-dawl ma kien hemm u li ghalkemm l-imputat inghata l-opportunita` jispjega jekk dan is-serq kienx ilu ghaddej ghall-inqas minn hames snin, dan baqa' ma ghamlux *"safrattant*

---

8 Fol.25
9 Ibid.
10 Fol.91
11 Fol.61 et seq.
12 Dok. CF5 a fol.38
13 Dok.CF6 a fol.40
14 Fol.35
15 Fol.37. Vide stimi msemmija Dok. CF5 a fol.38 et seq. u CF6 a fol.40 et seq.

*ma taghna ebda' raguni ghaliex nemmnu li ghandna nfittxu perjodu iqsar."*[16] Ma ttiehdux in konsiderazzjoni l-pannelli ghax ma kienux qed jiffunzjonaw *"u meta ghamlu t-testijiet taghhom sabu li l-appliances kienu mqabbdin dirett mall-connection u mhux mall-panelli*[17]*..... Id-dokumentazzjoni li gab ma tiggustifikax ragunijiet ghalxiex ghandna nibbiljaw inqas. Hawn gab xi karti fejn qed jghid illi l-panelli twahhlu fl-2001 ..... d-dawl kien qed jittiehed mhux minn mall-connection mall-panelli imma mall-connection illegali, ..... Il-konsumatur ipprezenta zewg ircevuti wahda minnhom datata 29/4/13 jigifieri wara l-ewwel spezzjoni fejn hallas 36 Euros lil Bajada Energy bhala call charge, u hemm ircevuta ohra datata 8 ta' Mejju 2013 jigifieri wara l-ewwel spezzjoni fejn hallas 1500 inverter including installation."*[18] Ix-xhud jikkonferma li l-imputat seta' f'kull hin jaghti r-ragunijiet tieghu ghaliex l-istima mahduma kienet inkorretta. Izid li wara t-tieni spezzjoni kien hemm inqas appliances mqabbdin mal-kurrent illegalment ghaliex kienet qed tithaddem is-sistema tas-*solar panels*.

Illi **Anthony Desira** ghazel li jixhed u qal li dawl kien jiehu biss mill-pannelli u ma kienx imqabbad mad-dawl tal-Enemalta. Meta waqaflu l-*inverter* dan qabbad wire mal-arblu tad-dawl li hemm fit-triq u dam hekk imqabbad ghal *"gimgha kollox".*[19] Jghid li wara qabbad mal-bozza tat-triq ghax din kienet mwahhla mal-propjeta` tieghu u ghamel dan sabiex jekk jaqtawlu d-dawl ikollu elettriku minn ma din il-connection![20] Din il-preokkupazzjoni tieghu li jisfa' bla dawl turi li fil-fatt l-post kien qed jigi uzat regolarment minnu. L-imputat ikompli li meta mar id-dawl hu kellem lil ta' Bajada, tas-*solar panels*, li rrangawlu l-*inverter*. Fil-fatt ricevuti esebiti minn Chatecuti juru li dan veru sehh pero` dan kien f'April u Mejju 2013, u cioe` wara l-ewwel ispezzjoni! [21]

Illi xehed **Mark Bajada** li fl-2001 kien hu stess li nstalla is-sistema tal-pannelli fuq il-fond tal-imputat. Jikkonferma li s-sistema kienet wahda stand alone *"bis-sistema tieghu kellu bizzejjed biex jiggenera dawl ghalih Jigifieri hu bis-sistema, bil-pannelli, bl-ammont ta' panelli, fil-fatt niftakar l-installazzjoni ghal dak iz-zmien kienet kbira fis-sens kienet iddisinjata apposta, ghax id-disinn isir inti tiehu kalkolu ta' dak li inti tikkonsuma fil-binja u ovvjament imbaghad trid tiggenera bizzejjed biex tissodisfa dak il-*

16 Fol.83
17 Fol.84
18 Fol.85
19 Fol.102
20 Fol.103
21 Dok. AC1 fol.81

*load ….is-sistema li kellu kienet mahsuba biex tkopri l-konsum kollu tieghu".*[22]

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Bruno**:[23]

Din il-Qorti, pero`, tosserva li hawn si tratta ta' periodu ta' aktar minn erba' snin –minn wara Novembru 1989 sat-13 ta' April, 1994. Fil-fehma ta' din il-Qorti, biex issir il-prova, sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, a bazi tar-*record of consumption* **li kien hemm (mhux semplicement li probabbli li kien hemm)** serq ta' kurrent elettriku fil-periodu inkriminat, **kellha tingieb prova tal-*load* ta' l-apparat elettriku f'dak il-periodu**. Jidher li l-pulizija ma ghamlux l-icken sforz ta' investigazzjoni f'dana r-rigward. Lill-ahwa Mifsud ma staqsewhomx x'apparat elettriku u x'dawl kien hemm fil-fond qabel ma huma hadu l-hanut f'idejhom; l-appellant ma giex interrogat mill-pulizija bil-hsieb li jigi stabbilit dana l-punt; u meta l-appellant xehed quddiem il-Qorti Inferjuri ma sarx l-icken tentattiv sabiex in kontro-ezami jigi b'xi mod stabbilit x'apparat elettriku u/jew x'sistema ta' dawl kellu fil-periodu inkriminat fil-fond in kwistjoni. Huwa veru li s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 264 tal-Kodici Kriminali johloq presunzjoni li tisposta l-oneru tal-prova ta' fatt partikolari – cioe` il-fatt jekk l-akkuzat kienx jaf bl-uzu jew konsum illegali ta' ilma, gass jew kurrent elettriku – fuq l-istess akkuzat.

Jekk l-akkuzat ikun jaf, jew hu presunt li kien jaf, b'dak il-konsum illegali allura r-reat ta' serq ikun imputabbli lilu. Pero` hija dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova li fil-fatt kien hemm uzu jew konsum illegali, cioe` serq, tal-ilma, gass jew elettriku. In fatti jista' jkollok sitwazzjoni fejn ikun hemm il-ksur jew mezzi qarrieqa imsemmija fl-Artikolu 264(2) minghajr ma effettivament ikollok serq ta' ilma, gass jew elettriku. Fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad li kien hemm prova sodisfacenti, cioe` sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, ta' tali serq fil-periodu inkriminat. [emfazi u sottolinejar tal-Qorti]

Ghalhekk fil-kamp penali hu d-dover tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza sa l-inqas dettal u ma jispettax lill-akkuzat jipprova hu li kien ilu anqas minn hames snin jisraq id-dawl jew li jipprova x'appliances kellhu tul il-medda taz-zmien li gie akkuzat li fih wettaq is-serq imputat lilu!

Illi l-unika ufficjal li ttenta jaghmel din l-investigazzjoni u jidhol aktar fil-fond sabiex jikkonstata kemm seta' kien l-ammont ta' dawl hekk misruq, kien biss l-ufficjal tal-Enemalta, Chetcuti, izda dan sar unikament bil-ghan li jintlahaq ftehim amministrattiv dwar il-hlas dovut. Galadarba l-Pulizija ghazlet li tohrog akkuzi fuq serq, kien fid-dmir taghha li taghmel id-debita prova dwar l-ammont tas-serq hekk addebitat lill-akkuzat.

Illi ma tista qatt tinstab htija fuq akkuzi bbazati semplicement fuq stima, li kif gustament irriteniet id-difiza, stima li hija wahda arbitrarja mahduma

---

[22] Fol.112
[23] Appell Nru 129/00; Deciz 31 ta' Mejju, 2000, per Onor. Imhallef Dr Vincent Degaetano

fuq perjodu daqstant iehor arbitrarju ta' hames snin, fejn jigi skartat ghall-kollox il-principju basiku legali li *"onus probandi incumbit qui osservit".*[24]

Illi sakemm il-ligi ma tkunx tipprovdi ghall-*praesumptio juris tantum* simili ghal dik fl-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali, li twassal ghal kif ghandu jigi komputat konsum mhux registrat, jibqa' jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha sa dak il-grad ta' prova rikjest fil-kamp penali.

Illi madanakollu l-Qorti ma tistax taghti kreddibilita` lill-imputat ghaliex jirrizulta ampjament ppruvat li l-Pulizija gew mgharrfa bis-serq ta' dawl mit-18 ta' Frar, 2013, meta rcevew ittra anonima fejn dak allegat fiha gie konfermat fl-intjier tieghu meta saret l-ewwel spezzjoni fil-5 t'April, 2013.[25] Hu tassew sfortunat li l-pulizija ghamlet l-ispezzjoni aktar minn sitt gimghat wara li rceviet din l-informazzjoni!

Illi ghalhekk jirrizulta ppruvat li s-serq ta' dawl kien ilu ghaddej <u>minn tal-inqas</u> mit-18 ta' Frar, 2013, sad-data tal-ahhar spezzjoni fil-15 ta' Mejju, 2013. Dan ifisser li kien hemm 86 jum li jirrizulta sal-grad rikjest mill-ligi li fih l-imputat kien qed jisraq kurrent elettriku. B'hekk l-ammont ta' dawl li qed jigi kalkolat bhala misruq hu ta' **€429.98**; liema kalkolu inhaddem fuq 86 jum fejn gew utilizzati 23.800 units kuljum bir-rata ta' 0.21 cents per unit.

Ghalhekk l-aggravju tal-<u>valur</u> gie ppruvat. Mhemmx dubbju li anke l-aggravju tal-<u>lok</u> jirrizulta pruvat tenut kont li kif jixhdu anke il-pjanta u ritratti esebiti, il-fond huwa wiehed t'abitazzjoni jew parti li taghmel maghha fejn wiehed isib kcina, kamra tas-sodda, sala u sahansitra salott.[26] Fir-rigward tal-aggravju tal-hin, tant l-imputat kien konxxju mill-htiega li l-kurrent jibqa' jissupplixxi l-post tieghu li, kif jammetti fix-xhieda tieghu, ma hasibiex darbtejn wara l-ewwel spezzjoni, meta il-konnessjoni llegali tnehhiet, li rega' qabbad ma bozza tat-triq sabiex ma jmurx jispicca bla kurrent. Ghaldqastant mhemmx dubbju li s-serq kien qed isir tul il-jum kollu inkluz matul il-lejl. Dwar l-aggravju tal-mezz bizzejjed issir riferenza ghal dak li jipprovdi l-artikolu 264(1) u cioe` "l-eżistenza ta' xi mezz qarrieq kif imsemmi fis-subartikolu (2), jitqies ukoll li huwa "ksur".". Ghalhekk anke l-aggravju tal-mezz gie ampjament ppruvat ukoll.

[24] **Manzini**, Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:- *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*
[25] Dok. CF7 fol.53
[26] Fol.55-57

Ghaldaqstant l-akkuza kif migjuba giet ampjament pruvata izda kif gja` inghad l-ammont li jirrizulta misruq sal-grad rikejst mill-ligi hu dak ta' **€429.98.**

Illi in kwantu ghal-piena l-Qorti hadet konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni tal-imputat li bl-ebda mod ma jista jinghad li kienet wahda bikrija, u tal-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li l-imputat ta' spiss xellef dufrejgh mal-gustizzja. Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 18, 20, 31, 261 (b), (c), (e) u (f), 263, 264, 267, 269, 270, 278, 279(a), 280, 281 u 283 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal tmintax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn.

Tordna li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat ihallas is-somma ta' €709.50 rapprezentanti kumpens u danni[27] sofferti mill-parte leza fi zmien xahar mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**

[27] Disconnection fees ta' €139.76 inkorsi fil-jumejn li fihom saru l-ispezzjonijiet.